# HAMRUN TABLE FOOTBALL CLUB

# Statut

## 1. Introduzzjoni

1.1. L-isem ufficjali ta' l-ghaqda huwa "Hamrun Table Football Club (Subbuteo – Malta)", jew fil-qasir "HTFC".

1.2. Il-Hamrun Table Football Club twaqqaf fl-1985 taht l-isem ta' "Hamrun Table Soccer League" (HTSL) u beda jorganizza l-kampjonat fuq bazi ta' "home" u "away" gewwa d-djar tal-membri. F' Mejju tal-1989 l-isem sar "Hamrun Subbuteo Club" (HSC) filwaqt li f' Lulju tal-1989 il-loghob beda jsir gewwa c-centru taz-zghazagh tal-knisja tal-Kuncizzjoni fil-Hamrun. F' Settembru tal-1990 l-isem sar "Hamrun Table Football Club" (HTFC) u minn Jannar tal-1991 il-loghob beda jsir gewwa l-Bank of Valletta Sports and Social Club, 52, Fr. Magri street, Marsa.

1.3. L-iskop tal-HTFC huwa li jkompli jkattar il-prattika ta' l-isport tas-Subbuteo Table Football fost il-membri tieghu, bhala mezz ta' serhan fiziku u mentali.

1.4. Il-HTFC jitmexxa minn kumitat ezekuttiv elett demokratikament kull stagun minn fost il-membri tieghu.

1.5. Il-HTFC huwa kompletament indipendenti minn kull ghaqda ohra, inkluzi l-assocjazzjonijiet ohra ta' l-istess sport, m'ghandux skop ta' profitt u m'ghandu l-ebda konnessjoni politika jew kummercjali.

1.6. Il-HTFC ghandu jahdem lejn il-hbiberija ma' ghaqdiet ohra, specjalment ma' l-ghaqdiet lokali u barranin tas-Subbuteo Table Football.

1.7. Il-kumitat ezekuttiv ghandu jiddeciedi fil-bidu ta' kull stagun f' liema kompetizzjonijiet fuq bazi ta' klabbs / timijiet ghandu jikkompeti, sakemm l-ghaqda li tkun qieghda torganizza l-kompetizzjoni tkun qed titmexxa b' mod demokratiku u inoltre tissodisfa l-artiklu 1.5 ta' dan l-Istatut.

1.8. Fi spirtu demokratiku, il-kumitat ezekuttiv jista' jikkonsulta mal-membri tal-HTFC fuq decizjonijiet ta' importanza billi jaghmel "referendum", izda sa fejn hu prattiku skond ic-cirkostanzi tal-kaz ghandhom jigu rispettati d-drittijiet tal-minoranza.

1.9. Dan l-Istatut ghandu jitqassam lil kull membru li jissieheb fil-HTFC.

## 2. Il-Membri

2.1. Kull persuna hija eligibbli biex tkun membru tal-HTFC.

2.2. Il-kumitat ezekuttiv jirriserva d-dritt li jirrifjuta kwalunkwe applikazzjoni ghal shubija fi hdan il-HTFC. Ghaldaqstant, huwa fid-diskrezzjoni tal-kumitat li jaccetta persuna bhala membru tal-HTFC.

2.3. Membru tal-HTFC:

2.3.1. Jibqa' marbut bhala membru tal-klabb sa tmiem l-istagun li ghalih ikun hallas il-menswalita'. Ghalhekk kull membru tal-HTFC ma jistax isir membru ta' xi klabb / tim iehor tas-Subbuteo Table Football hlief bil-permess specjali tal-kumitat ezekuttiv.

2.3.2. Huwa kompletament liberu li jkun membru tal-assocjazzjoni nazzjonali tas-Subbuteo Table Football, l-MTFSA.

2.3.3. Jista' ma jkunx jippartecipa fil-loghob ("non-playing member").

2.4. Meta jkun applikabbli l-artiklu 1.7 ta' dan l-Istatut, il-kumitat ezekuttiv ghandu dritt li jitlob lill-kumitat ta' l-assocjazzjoni li tkun qed torganizza kompetizzjoni fuq bazi ta' klabbs / timijiet sabiex jiehu passi dixxiplinarji, li jikkonsistu principarjament f'impediment ta' ghaqda ma' klabb / tim iehor, kontra membru li ma josservax l-artiklu 2.3.1 ta' dan l-Istatut.

2.5. Il-kumitat ezekuttiv ghandu d-diskrezzjoni dwar jekk membru li ma josservax l-artiklu 2.3.1 ta' dan l-Istatut jithalliex jerga' jsir membru tal-HTFC fl-istaguni successivi.

## 3. Attivitajiet u Laqghat Generali

3.1. L-istagun jibda ghall-habta ta' Settembru bil-laqgha generali annwali.

3.2. Kull persuna li:

3.2.1. Tixtieq tibqa' membru tal-HTFC hi fid-dmir li tattendi ghal-laqgha generali annwali.

3.2.2. Tixtieq issir membru tal-HTFC hi fid-dmir li tattendi l-laqgha ghall-membri l-godda.

3.3. Waqt il-laqgha generali annwali:

3.3.1. Tithallas il-menswalita' ghall-istagun il-gdid (l-ammont ta' liema jigi stabbilit mill-kumitat ezekuttiv u avzat skond artiklu 3.5.1 ta' dan l-Istatut.

3.3.2. Issir l-elezzjoni ghall-membri tal-kumitat ezekuttiv ghall-istagun il-gdid.

3.3.3. Isiru rapporti mill-President, is-Segretarju u l-Kaxxier fuq l-istagun li jkun ghadda.

3.3.4. Tittiehed votazzjoni dwar kwalunkwe amenda li tkun giet proposta ghal dan l-Istatut, liema amenda trid tasal ghand is-Segretarju sa jumejn qabel il-laqgha generali annwali.

3.4. Waqt il-laqgha ghall-membri l-godda:

3.4.1. Tithallas il-menswalita' ghall-istagun il-gdid (l-ammont ta' liema jigi stabbilit mill-kumitat ezekuttiv u avzat skond artiklu 3.5.1 ta' dan l-Istatut).

3.5. Il-laqgha generali annwali:

3.5.1. Trid tigi avzata mill-anqas gimgha qabel.

3.5.2. Tibda jekk fil-hin avzat ikun hemm ta' l-anqas nofs il-membri jew inkella nofs siegha wara li jkun avzat bil-membri li jkun attendew sa dak il-hin.

3.6. L-applikazzjoni ghall-elezzjoni ghall-membri tal-kumitat ezekuttiv trid tintbaghat lil kull membru mill-anqas gimgha qabel il-gurnata li fiha tkun ser issir laqgha generali (annwali jew straordinarja – ara artiklu 3.9) u kull membru li jixtieq jikkontesta l-elezzjoni irid jiffirma u jirritorna din l-applikazzjoni lis-segretarju sa tlett (3) ijiem qabel il-jum tal-laqgha generali. Applikazzjonijiet li jigu rritornati tard jigu meqjusa bhala invalidi. Is-segretarju jrid jipprepara d-dokumenti tal-vot bl-ismijiet tal-kandidati kollha b'kaxxa hdejn kull isem.

3.7. L-elezzjoni ghall-membri tal-kumitat ezekuttiv ma ssirx jekk ikun hemm hames (5) kandidati jew anqas. Jekk ikun hemm aktar min hames (5) kandidati, l-membri presenti fil-laqgha generali jridu jivvutaw jekk il-kumitat ezekuttiv ghandux ikun kompost min aktar min hames (5) membri, jew jekk issirx elezjoni biex jintaghzlu l-hamsa (5).

3.8. Din il-procedura trid tigi osservata ghall-elezzjoni ghall-membri tal-kumitat ezekuttiv:

3.8.1. Jigi appuntat Bord ta' l-elezzjoni, li jkun kompost minn tliet (3) membri li mhumiex ser jikkontestaw l-elezzjoni, liema membri jkollhom dawn id-doveri:

3.8.1.1. Imexxu l-elezzjoni gustament.

3.8.1.2. Jiffirmaw id-dokumenti tal-vot.

3.8.1.3. Iqassmu dokument tal-voti wiehed lil kull membru u jzommu kont tad-dokumenti tal-voti li jkunu qassmu.

3.8.1.4. Jikkontrollaw li dokumenti tal-vot ma johorgux barra mill-kamra li fiha ssir il-votazzjoni

3.8.1.5. Jispjegaw lill-membri prezenti dwar kif ghandhom jivvutaw, kif gej:

3.8.1.5.1. Taghmel [X] fil-kaxxa tal-kandidat li tippreferi.

3.8.1.5.2. Tista' taghzel sal-massimu ta' hames kandidati, minimu ta' kandidat wiehed.

3.8.1.6. Jghoddu d-dokumenti tal- voti mimlija u jisseparaw dawk validi minn dawk invalidi. Dokument tal-vot ikun invalidu meta:

3.8.1.6.1. Ikollu aktar minn hames (5) kandidati mmarkati.

3.8.1.6.2. Ma jkollu l-ebda kandidat immarkat.

3.8.1.6.3. Ikun fih xi kliem ohra hlief il-marka [X] fil-kaxxi tal-kandidati.

3.8.2. Dawk il-hames kandidati li jgibu l-akbar numru ta' voti jigu eletti ghall-kumitat ezekuttiv.

3.8.3. Il-Bord ta' l-elezzjoni irid johrog ir-rizultat ufficjali ta' l-elezzjoni, iffirmat mit-tliet membri tal-Bord.

3.9. Matul l-istagun jistghu jissejhu laqghat generali straordinarji f' dawn ic-cirkostanzi:

3.9.1. Meta tinhass il-htiega mill-kumitat ezekuttiv.

3.9.2. Meta hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) tal-membri javzaw lill-President bil-miktub dwar ir-raguni li ghaliha jixtiequ jsejhu laqgha generali straordinarja. F' dan il-kaz il-President hu fid-dmir li jsejjah il-laqgha fi zmien gimgha, u jekk il-President jonqos milli jaghmel dan id-dmir, il-laqgha tista' tigi avzata minn dawk il-membri stess li kienu talbuha.

F' kaz ta' laqgha generali straordinarja jidhol fis-sehh artriklu 3.5 ta' dan l-Istatut (kif ukoll atrikli 3.6, 3.7 u 3.8 ta' dan l-Istatut f' kaz ta' elezzjoni ghall-membri tal-kumitat ezekuttiv).

3.10. Matul l-istagun jigu organizzati diversi kompetizzjonijiet, fosthom:

3.10.1. Il-kampjonati tal-Premier u tal-Ewwel Divizjoni li jintlaghbu fuq bazi ta' "league". Min jirbah il-kampjonat Premier jigi ddikjarat bhala c-"Champion" Hamruniz ghal dak l-istagun.

3.10.2. Il-Hamrun Trophy (qabel maghrufa bhala n-"Knock-Out") li tintlaghab fuq bazi ta' eliminazzjoni diretta.

3.10.3. It-tazza tal-Milied li ghandha tigi organizzata fi zmien il-festi tal-Milied u li tintlaghab fuq bazi ta' eliminazzjoni diretta.

3.10.4. Ic-"Challenge Cup", li tintlaghab fl-ahhar ta' kull stagun bejn ir-rebbieh tal-Premier u r-rebbieh tal-Hamrun Cup. F' kaz li l-istess persuna tkun rebhet l-imsemmija zewg unuri, tintlab bejn ir-rebbieh tal-Premier u l-finalist tal-Hamrun Cup. F'kaz li wiehed min dawn l-involuti ma jkunx available, ghandu d-dritt li jilab min spicca fit-tieni post fil-Premier jew il-"next available" mil-Premier.

Matul l-istagun jistghu jigu organizzati diversi kompetizzjonijiet ohra skond kif jiddeciedi l-kumitat b' konsultazzjoni mal-membri.

3.11. F' rigward tal-kampjonati, il-kumitat ezekuttiv, qabel il-bidu ta' kull stagun, ghandu jiddeciedi u jgharraf lill-membri dwar in-numru ta' membri li ser ikunu jigu promossi / relegati minn kull divizjoni kif ukoll dwar in-numru ta' "rounds" li fuqhom ikunu se jintlaghbu d-divizjonijiet.

3.12. Membru gdid jibda jilghab fl-ahhar divizjoni.

3.13. Il-kumitat ezekuttiv (wara li jigi elett fil-laqgha generali annwali), qabel il-bidu tal-istagun ghandu jiddeciedi dwar ir-Regolamenti Amministrattivi li jkunu ser jintuzaw matul l-istagun. Il-membri ghandhom jinghataw sett tar-Regoli Amministrattivi ghaxart (10) ijiem qabel ma jibda l-loghob.

## 4. Il-Kumitat Ezekuttiv

4.1. Il-kumitat ezekuttiv ghandu jkun kompost minn tlieta (3) sa seba' (7) membri.

4.2. Il-karigi principali fil-kumitat ezekuttiv jitqassmu bejn il-membri tal-kumitat ezekuttiv minnhom stess skond kif gej:

- 4.2.1. President, li ghandu d-dmir li jmexxi l-laqghat tal-kumitat u jiehu hsieb il-progress tal-HTFC fl-aspetti kollha.
- 4.2.2. Segretarju, li jiehu hsieb l-amministrazzjoni interna tal-HTFC, jibghat u jircievi l-korrispondenza u jzomm il-minuti ta' kull laqgha tal-kumitat ezekuttiv.
- 4.2.3. Kaxxier, li jiehu hsieb il-finanzi tal-HTFC f' kotba approprijati u aggornati.
- 4.2.4. "Fixture Organiser", li jiehu hsieb il-programm tal-loghob kollu, jzomm ir-rizultati u johrog il-klassifici regolarment.
- 4.2.5. P.R.O., jzomm kuntatt mal-"media" lokali u websites u mal-ghaqdiet tas-Subbuteo Table Football lokali u barranin.

4.3. Laqgha tal-kumitat ezekuttiv, ghandha ssir mill-anqas darba (1) kull erba' (4) gimghat jew aktar frekwenti jekk tinhass il-htiega li jsir hekk.

4.4. Membru tal-kumitat ezekuttiv li ma jattendix ghal tliet (3) laqghat (mhux necessarjament konsekuttivi) minghajr ma javza lis-segretarju minn qabel dwar l-assenza tieghu, jigi awtomatikament imnehhi mill-kumitat ezekuttiv.

4.5. Matul l-istagun il-kumitat ezekuttiv ghandu l-poter li jaghmel "co-option" ta' mhux aktar minn zewg (2) membri, bil-kundizzjoni li jekk in-numru ta' membri tal-kumitat ezekuttiv ikun ta' anqas minn seba' (7) membri, il-kumitat ezekuttiv jista' jaghmel "co-option" ta' aktar minn zewg (2) membri.

4.6. Il-kumitat ezekuttiv ghandu l-poter li jahtar sotto kumitati ghall-funzjonijiet specifici, sakemm:

- 4.6.1. Kull sotto kumitat idum jiffunzjona sakemm iwettaq il-funzjoni li ghaliha jkun gie mahtur.
- 4.6.2. Kull sotto kumitat ikun kompost minn membru tal-kumitat ezekuttiv u zewg (2) membri ohra.
- 4.6.3. Kull sotto kumitat irid jaghti rapporti perjodici, u jkun direttament responsabbli, lill-kumitat ezekuttiv.
- 4.6.4. Ix-xoghol prodott minn sotto kumitat ikun approvat mill-kumitat ezekuttiv.

4.7. Il-kumitat ezekuttiv ghandu d-dmir li jmexxi l-HTFC skond il-provvedimenti ta' dan l-Istatut, u ghandu d-dritt ta' interpretazzjoni fuq:

- 4.7.1. L-artikli ta' dan l-Istatut.
- 4.7.2. Ir-regoli amministrattivi.
- 4.7.3. Ir-regoli tal-loghob.

## 5. Protesti

5.1. Membru ghandu d-dritt li jaghmel protest f' konnessjoni ma' loghba li jkun laghab.

5.2. Il-protest irid ikun bil-kitba, u flimkien mal-hlas stabbilit fir-Regoli Amministrattivi, irid jasal ghand is-segretarju sa tlett (3) ijiem wara l-loghba, u ghandu jigbor fih id-dettalji kollha tal-kaz bhalma huma l-isem tar-"referee" tal-loghba u l-ismijiet tax-xhieda.

5.3. Is-segretarju ghandu jqis il-protest bhala invalidu jekk dan ma jsirx skond artiklu 5.2, u f' dak il-kaz irid jinforma lil dak li jkun ghamel il-protest dwar dan, u jinformah ukoll li m' ghandux id-dritt jirrepeti l-protest.

5.4. Il-protesti kollha jinstemghu mill-kumitat ezekuttiv, li f' dawn il-kazijiet jiltaqa' bhala bord tal-protesti, fi zmien ghaxart (10) ijiem minn meta s-segretarju jircievi l-protest.

5.5. Jekk il-protest ikun validu, is-segretarju ghandu jinforma lil dawk kollha konnessi mal-kaz biex jattendu ghal-laqgha tal-kumitat li fiha jkun gie deciz li ser jinstema' l-protest.

5.6. Il-bord tal-protesti ghandu jsegwi din il-procedura:

5.6.1. Jara li kull min ikun konness mal-kaz ikun prezenti.

5.6.2. Jisma' lill-membru li jkun ressaq il-protest u lix-xhieda tieghu.

5.6.3. Jisma' lill-membru li kontrih ikun tressaq il-protest u lix-xhieda tieghu.

5.6.4. Jinghalaq wahdu u jiddeciedi l-kaz fuq il-bazi tar-regoli applikabbli u l-fatti kif prezentati.

5.6.5. Jaghti d-decizjoni verbalment b' kulhadd prezenti u jispjega kif wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu.

5.7. Il-membri konnessi mal-kaz deciz ghandhom id-dritt li jappellaw mid-decizjoni tal-bord tal-protesti. L-appell irid jasal ghand is-segretarju fi zmien jumejn (2) mid-decizjoni tal-bord tal-protesti. Ghall-appell tigi osservata l-procedura msemmija f' artiklu 5.6. Ma jistghux jingiebu provi godda quddiem il-bord tal-appell sakemm ma jigix pruvat illi dik ix-xhieda ma kienitx maghrufa qabel sar il-protest. Id-decizjoni tal-bord tal-appell hija wahda finali u assoluta.

5.8. Meta wiehed jew aktar mill-membri tal-kumitat ezekuttiv ikun/u involut/i fil-kaz li dwaru jkun tressaq il-protest, il-kumitat ezekuttiv ghandu jahtar numru ta' membri ugwali daqs in-numru tal-membri tal-kumitat ezekuttiv involuti fil-protest biex, ghal dak il-protest partikolari, ikunu membri tal-bord tal-protesti.

## 6. Kompetizzjonijiet fuq bazi ta' Klabbs / Timijiet

6.1. Il-membri li jirrapprezentaw lill-HTFC fil-kompetizzjonijiet fuq bazi ta' klabbs / timijiet jigu maghzula mill-kumitat ezekuttiv. Ghalhekk id-decizjoni tal-kumitat f'dan ir-rigward hija wahda finali.

6.2. Id-decizjoni dwar l-ghazla tal-membri tittiehed skond il-volonta' tal-membri u skond il-livell ta' loghob li jkunu qed juru l-istess membri matul il-loghob tal-kampjonat.

## 7. Trofej ghal sena u trofej mirbuha mill-HTFC

7.1. It-trofej ghal sena u t-trofej mirbuha mill-HTFC huma propjeta’ eskluzziva tal-HTFC.

7.2. Fi zmien meta l-HTFC ma jkollux ghad-dispozizzjoni tieghu vetrina li fiha jinzammu t-trofej mirbuha minnu, il-kumitat ghandu jiddeciedi ghand min ser jinzammu dawn it-trofej, u l-persuna/i hekk maghzula, ikunu marbutin li jirrtornaw it-trofej fi zmien jumejn (2) minn meta l-kumitat jidhirlu xieraq li jaghmel domanda verbali ghar-ristituzzjoni.

7.3. Il-membru li jkun fil-pussess ta’ xi trofew partikolari jinzamm responsabbli ghal kwalunkwe hsara li tista’ ssir lit-trofew fil-perjodu sakemm din iddum ghandu. Ghaldaqstant, kwalunkwe hsara li ssir lit-trofew trid tigi mhallsa mill-membru li jkun fil-pussess tat-trofew fl-imsemmi perjodu.

## 8. Bdil fl-Istatut

8.1. Dan l-Istatut jista’ jigi emendat biss f’ laqgha generali (annwali jew straordinarja) jekk zewg terzi ($^{2}/_{3}$) tal-membri prezenti jivvutaw favur l-emenda.